**Ruling mogħti fis-Seduta 525 tad-29 ta' Novembru 2021 mid-Deputy Speaker, l-Onor. Claudette Buttigieg, dwar it-talba għall-Aġġornament tal-Kamra skont Ordni Permanenti 13**

Fil-bidu tax-xogħol tas-Seduta tal-lejla l-Onor. Bernard Grech, Kap tal-Oppożizzjoni, ressaq mozzjoni għall-Aġġornament tal-Kamra fuq ħaġa definita, ta' importanza pubblika u urġenti *ai termini* tal-Ordni Permanenti 13, u għadda lis-Sedja dikjarazzjoni miktuba dwar dan is-suġġett skont kif jitlob l-istess Ordni Permanenti.

Wara li s-Sedja kkonsultat mal-konsulent legali tal-Parlament sabiex tifhem aħjar l-ispirtu tal-ittra msemmija mill-Kap tal-Oppożizzjoni senjatament fejn kienet qed issir referenza għal "*in the best interest of democracy and the democratic Government of Malta*", huwa ċċara li dan il-kliem kellu jinftiehem għall-governanza demokratika ta' Malta u mhux għall-gvern tal-ġurnata;

Wara li s-Sedja kkonsultat maż-żewġ Whips biex tara jekk jistax jintlaħaq qbil dwar data apparti dik tal-lum fejn tista' tiġi diskussa l-materja mqajma fid-dikjarazzjoni msemmija; u

Wara li s-Sedja kkundsidrat bir-reqqa t-talba mressqa mill-Kap tal-Oppożizzjoni sabiex il-Kamra taġġorna x-xogħol tagħha biex tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni, hija jidhrilha li taħt iċ-ċirkostanzi is-suġġett huwa ta' urġenza, definit ta' importanza pubblika u għalhekk qiegħda tilqa' t-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni u titlob sekondant għall-mozzjoni.